# Manwal għall-vittmi ta' VJOLENZA DOMESTIKA

PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS

# Manwal
# għall-vittmi ta'
# **VJOLENZA DOMESTIKA**

# Werrej


| | |
|---|---|
| Definizzjonijiet | 4 |
| Introduzzjoni | 6 |
| X'inhi l-vjolenza domestika? | 8 |
| X'inhi l-liġi dwar il-prevenzjoni ta' vjolenza domestika? | 9 |
| Jiena vittma ta' vjolenza domestika? | 10 |
| X'għandi nagħmel jekk jiena vittma ta' vjolenza domestika? | 11 |
| Il-Police Gender-Based & Domestic Violence Unit (GBDVU) | 12 |
| X'inhi l-proċedura meta jsir rapport formali għand il-pulizija? | 12 |
| Il-Victim Support Agency (VSA) | 14 |
| X'jiġri jekk nirrapporta ksur ta' liġi f'każ ta' Ordni ta' Protezzjoni Temporanja (TPO), Ordni ta' Protezzjoni (PO) jew Ordni Restrittiva (RO)? | 15 |
| U jekk ibni/binti huwa/hija wkoll vittma ta' vjolenza domestika? | 16 |
| U jekk jien ta' nazzjonalità barranija? | 17 |
| Nista' nwaqqa' r-rapport li nkun għamilt għand il-pulizija? | 17 |
| U jekk m'għandi mkien fejn noqgħod? | 18 |
| Se nkun infurmat/a dwar ir-riżultat tal-każ tiegħi? | 18 |
| X'inhu mistenni minni waqt il-proċeduri fil-Qorti? | 18 |
| Fejn nista' nsib aktar għajnuna? | 19 |
| Kif nista' nuża s-Silent Reporting Number? | 19 |

# Definizzjonijiet

**Axxendenti**: Persuni mill-familja tiegħek li huma ikbar minnek fl-età, bħall-ġenituri, nanniet, bużnanniet, eċċ. Dawn huma l-antenati tiegħek li twieldu qablek.

**Qraba**: Ir-relazzjoni bejn persuna u dawk li jiġu minn martu/żewġha. Hija relazzjoni li nħolqot permezz ta' żwieġ u mhux għax imnissla bijoloġikament. Il-ġenituri ta' żewġek/martek, ħutu/ħutha, eċċ, jitqiesu bħala "qraba" tiegħek.

- **Qraba fl-ewwel grad** huma l-qraba immedjati ta' żewġek/martek. Dawn jinkludu lill-ġenituri ta' żewġek/martek, lil ħutu/ħutha, u lil uliedu/uliedha. Huma meqjusa bħal qraba fl-ewwel grad għax huma relatati direttament ma' żewġek/martek.

- **Qraba fit-tieni grad** huma l-qraba ta' żewġek/martek li huma relatati miegħek ftit iktar 'il bogħod mill-qraba immedjati. Dawn jinkludu lin-nanniet, lin-neputijiet tan-nanniet, u lin-neputijiet tal-aħwa ta' żewġek/martek. Dawn xorta relatati miegħek permezz taż-żwieġ imma mhumiex relatati daqstant mill-viċin daqs il-qraba fl-ewwel grad.

- **Qraba fit-tielet grad** huma l-qraba li huma relatati miegħek ftit iktar 'il bogħod mill-familja immedjata ta' żewġek/martek. Dawn jinkludu lill-bużnanniet, lill-proneputijiet, u lill-proneputijiet tal-aħwa ta' żewġek/martek. Dawn huma relatati miegħek permezz taż-żwieġ, imma mill-bogħod ħafna. Importanti li żżomm f'moħħok li dawn il-gradi ta' qrubija jiddependu ħafna mill-kuntest kulturali jew legali, u ċerti relazzjonijiet jistgħu jvarjaw skont l-ambjent u l-qafas familjari li wieħed ikun trabba fihom.

**Dixxendenti:** Persuni mill-familja tiegħek li huma iżgħar minnek fl-età, bħal uliedek, neputijiet, proneputijiet, eċċ. Dawn huma parti mill-ġenerazzjoni futura li twieldu warajk.

**Ex officio: F**il-kuntest ta' vjolenza domestika din il-frażi tfisser li m'hemmx bżonn li titlob lill-pulizija biex tressaq akkużi kriminali kontra terzi persuni waqt l-investigazzjonijiet. Dan għaliex, dawn l-akkużi jitressqu b'mod awtomatiku.

**Parte Civile:** Il-kwerelant, dak li jitlob sodisfazzjon legali kontra min għamillu xi tort.

**Ordni ta' Protezzjoni:** Dokument legali maħruġ mill-Qorti biex jipproteġi lill-vittma ta' vjolenza domestika minn kull forma ta' ħsara u abbuż waqt li jkunu għaddejin il-proċeduri fil-qorti. Ħafna drabi jkun jimpedixxi lil dak li allegatament wettaq l-abbuż milli jagħmel xi forma ta' kuntatt mal-vittma.

**Ordni ta' Protezzjoni Temporanja:** Dokument legali maħruġ mill-Qorti biex jipprovdi protezzjoni immedjata u temporanja lil dik il-persuna li tista' tkun f'riskju ta' abbuż jew xi forma oħra ta' ħsara. Din il-protezzjoni tingħata f'każijiet ta' vjolenza domestika, f'każijiet fejn persuna qed tħossha li qed tingħata fastidju jew f'każijiet ta' stalking. Ħafna drabi jkun jimpedixxi lil dak li allegatament wettaq l-abbuż milli jagħmel xi forma ta' kuntatt mal-persuna protetta. Dawn l-Ordnijiet ta' Protezzjoni Temporanja jservu għal żmien limitat, sakemm jagħtu ċans lill-persuna ikkonċernata tfittex protezzjoni legali iżjed permanenti.

**Ordni Restrittiva:** Dokument legali maħruġ mill-Qorti meta l-proċeduri jiġu fi tmiemhom. Dan jimpedixxi lill-awtur tar-reat milli jersaq jew jagħmel xi forma ta' kuntatt mal-vittma li sofriet vjolenza domestika sabiex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tagħha.

## Introduzzjoni

L-iskop ta' dan il-manwal huwa li jipprovdi informazzjoni utli, definizzjonijiet u proċeduri li jistgħu jiġu bżonn il-vittmi ta' vjolenza domestika. Għandu jservi ta' gwida sabiex wieħed jifhem in-natura tal-vjolenza domestika, jagħraf is-sinjali tagħha, u tgħinu jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji u jfittex l-għajnuna.

L-iskop tiegħu huwa wkoll li jagħti tagħrif, riżorsi u għajnuna lill-vittmi ta' vjolenza domestika sabiex ikunu kapaċi joħorġu minn din is-sitwazzjoni kumplessa li jinsabu fiha.

Il-manwal jenfasizza l-importanza li wieħed ifittex għajnuna professjonali u b'hekk jagħraf li mhuwiex se jitħalla waħdu. Ftakar: kull sitwazzjoni hija unika. Li tfittex l-għajnuna minn servizzi lokali hija ta' importanza vitali.

# X'inhi l-vjolenza domestika?

Il-Liġi ta' Malta (Kapitlu 581) tiddefinixxi l-vjolenza domestika hekk:

Kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika.

# X'inhi l-liġi dwar il-prevenzjoni ta' vjolenza domestika?

Il-liġi l-ġdida dwar il-prevenzjoni ta' vjolenza domestika se tkun qiegħda tgħin u tagħti appoġġ lil dawk il-persuni li jkunu f'riskju ta' vjolenza domestika. Permezz ta' din il-liġi, persuni li jkunu f'relazzjoni intima jistgħu japplikaw għand il-Victim Support Agency jew għand il-pulizija sabiex jivverifikaw jekk is-sieħeb/sieħba tagħhom qattx kellu/kellha xi preċedenti ta' vjolenza domestika. Il-persuna kkonċernata tingħata informazzjoni biss fuq eventwali kundanni ta' vjolenza domestika u mhux fuq allegazzjonijiet jew każijiet pendenti fil-qorti. Sabiex titħares il-protezzjoni tad-data, il-Pulizija jaċċertaw ruħhom li l-applikant għandu dritt għall-aċċess ta' din l-informazzjoni skont kriterji speċifiċi stabbiliti mill-qorti. Ir-riżultat jingħata lill-applikant fi żmien sebat ijiem u jekk ikun hemm bżonn, tinħareġ twissija ta' riskju. F'dan il-każ, il-pulizija fi ħdan il-Victim Support Agency jispjega r-raġunijiet għaliex ikun hemm ir-riskju ta' vjolenza domestika, filwaqt li l-professjonisti fi ħdan l-istess aġenzija jipprovdu informazzjoni dwar servizzi li jistgħu jservu ta' għajnuna lill-applikant.

Tista' tapplika online billi tidħol f'dan il-link - https://victimsupportagency.com/prevention-form jew tmur personalment il-Victim Support Agency - 52, Old Theatre Street, Valletta (Plus Code: WG26+2R Valletta | GPS Coordinates: 35.900063,14.512062).

# Jiena vittma ta' vjolenza domestika?

Iva, jekk ir-relazzjoni mal-awtur tar-reat taqa' taħt waħda jew iktar minn dawn il-kategoriji:

- Miżżewġin jew eks-miżżewġin, sħab permezz ta' unjoni ċivili jew koabitanti;
- Persuni li jgħixu fl-istess dar jew li għexu fl-istess dar għal mill-inqas tliet snin qabel ma ġara l-każ;
- Persuni li ż-żwieġ tagħhom ġie xolt jew dikjarat null;
- Axxendenti jew dixxendenti;
- Adulti oħra li jgħixu fl-istess dar;
- Persuni li huma f'relazzjoni informali, li qed joħorġu jew li kienu joħorġu flimkien;
- Persuni li kienu jew huma għarajjes bi preparazzjoni għaż-żwieġ jew għall-unjoni ċivili;
- Persuni li jiġu minn xulxin b'mod bijoloġiku jew huma qraba sat-tielet grad ta' qrubija;
- Persuni li għandhom jew se jkollhom it-tfal flimkien

# X'għandi nagħmel jekk jiena vittma ta' vjolenza domestika?

a. F'każ ta' emerġenza ċempel 112 jew 119 għall-assistenza immedjata fuq il-post mill-pulizija;

b. Jekk mhux każ ta' emerġenza, tista' tfittex għall-assistenza mill-eqreb għassa tal-pulizija u l-każ tiegħek jgħaddi għand il-Police Gender-Based & Domestic Violence Unit (GBDVU) għal iktar investigazzjoni;

c. Tista' tirrapporta dirett għand il-GBDVU, li jinsab fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana (St. Calcedonius Square, Floriana FRN1530) ( Plus Code:VGV3+J6 Floriana | Koordinati GPS: 35.894063, 14.503063) u tagħmel rapport formali, jew ċempel +356 2294 2717 / 2777 jew ibgħat email lill-gbdv.police@gov.mt għal iktar informazzjoni;

d. Residenti Għawdxin jistgħu jirrappurtaw każ ta' vjolenza domestika jew għand il-GBDVU jew fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex (Plus Code: 26VR+RJ Victoria | Koordinati GPS: 36.0445026,14.2414177) (+356 2294 4200 / 3014).

## Il-Police Gender-Based & Domestic Violence Unit (GBDVU)

Il-GBDVU tal-Pulizija twaqqaf fl-2020 biex joffri taħriġ professjonali lill-uffiċjali tiegħu sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna meħtieġa lil dawk li jkunu f'riskju ta' vjolenza domestika billi joffru protezzjoni għall-ħajjiet u l-benesseri kemm tal-adulti kif ukoll tat-tfal. Fl-istess ħin jieħdu azzjoni f'waqtha u effettiva kontra l-awturi tar-reat.

L-istaff professjonali ta' dan il-Unit jagħmel ħiltu kollha sabiex jitratta lill-vittmi ta' abbuż domestiku b'rispett, b'dinjità u b'empatija, b'kollaborazzjoni assoluta mal-istakeholders kollha involuti.

## X'inhi l-proċedura meta jsir rapport formali għand il-pulizija?

a. Uffiċjal tal-pulizija mill-GBDVU jagħmel risk assessment preliminarju biex janalizza l-gravità tal-każ tiegħek u jkun jista' jagħti ordni ta' preċedenza lir-rapporti kollha li jkunu daħlu;

b. Jekk ikun hemm bżonn ta' intervent mediku, tingħata attenzjoni immedjata u tiġi akkumpanjat f'ċentru tas-saħħa;

c. Tiġi intervistat f'ambjent trankwill u privat biex il-Pulizija tiġbor l-informazzjoni kollha dwar l-inċident;

d. Waqt li qed tagħmel ir-rapport, tista' titlob l-assistenza ta' professjonist (eż. konsulent legali jew social worker), xi interpretu jew medjatur kulturali li tafda;

e. Tista' titlob il-preżenza ta' xi ħadd għall-appoġġ u inkoraġġiment li jista' jibqa' miegħek tul il-proċess kollu, sakemm dan ma jkunx fl-interess tiegħek jew iservi ta' dannu għall-investigazzjoni nnifisha;

f. Kull indirizz temporanju, dokumenti u kull tip ta' informazzjoni relevanti se jiġu mitluba. Madankollu, jekk diġà qed tgħix f'xi post/xelter jew se tiddeċiedi li tidħol f'wieħed, id-dettalji ta' dan il-post/xelter ma jingħataw lil ħadd;

g. Membri mill-Aġenzija Appoġġ jagħmlu risk assessment sabiex jistabbilixxu l-livell ta' riskju. Meta jitlesta, jingħata bħala dokument uffiċjali lill-membru tal-pulizija u jiġi ppreżentat waqt il-proċeduri fil-qorti.

h. Kif ir-rapport ikun lest, se tingħata kard bin-numru tar-rapport u n-numru tal-uffiċjal tal-pulizija li kien inkarigat mit-tfassil tal-istess rapport;

i. Se tintbagħat għand l-Aġenzija tas-Sapport tal-Vittmi tal-Kriminalità (VSA) għal iktar għajnuna li tista' tiġi bżonn;

j. Matul l-investigazzjoni tagħha, il-pulizija se tkellem lill-awtur tar-reat u minn dak li jirriżulta minn dawn l-investigazzjonijiet, tittieħed azzjoni bil-qorti.

# Aġenzija tas-Sapport tal-Vittmi tal-Kriminalità (VSA)

Il-VSA hija aġenzija li toffri servizzi ta' għajnuna fuq bażi nazzjonali lill-vittmi ta' kwalunkwè reat kriminali. L-Aġenzija tikkonsisti f'tim multi-dixxiplinarju magħmul minn uffiċjali pubbliċi, professjonisti psiko-soċjali, membri mill-Korp tal-pulizija (Victim Support Unit) u membri mid-Dipartiment tal-Probazzjoni u Parole.

L-Aġenzija toffri tliet servizzi ewlenin – Informazzjoni, Appoġġ Emozzjonali u Gwida Legali. Il-VSA iżżomm ukoll kuntatt ma' entitajiet pubbliċi oħra u ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi permezz ta' sistema komuni sabiex jiġi evitat xogħol ripetut li jista' jħalli effetti negattivi fuq il-vittmi.

Riċentement, il-VSA introduċiet il-freephone ġdid tagħha bħala Supportline Nazzjonali għal dawk il-vittmi ta' xi reat kriminali. In-numru tal-freephone hu 116 006. Is-servizzi kollha offruti mill-VSA huma bla ħlas u ttrattati bl-akbar kunfidenzjalità. L-Aġenzija tinsab fi 52, Old Theatre Street, Valletta (Plus Code: WG26+2R Valletta | Koordinati GPS: 35.900063,14.512062).

# X'jiġri jekk nirrapporta ksur ta' liġi f'każ ta' Ordni ta' Protezzjoni Temporanja (OPT), Ordni ta' Protezzjoni (OP) jew Ordni Restrittiva (OR)?

a. Meta jsir rapport ta' vjolenza domestika, u l-vittma tkun tinsab f'riskju li ssirilha l-ħsara, immedjatament il-Pulizija titlob lill-Maġistrat sabiex joħroġ OPT sakemm l-allegat awtur tar-reat ma jkunx arrestat;

b. OPT jibqa' validu sa massimu ta' 30 jum mid-data tal-ħruġ jew sakemm jibda jinstema' l-każ kontra l-allegat awtur tar-reat, skont x'jiġi l-ewwel;

c. OP jista' joħroġ waqt proċeduri fil-qorti kontra kull min hu akkużat bi vjolenza domestika, jew permezz ex officio jew fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet involuti (b'mod partikolari mill-vittmi stess) biex jipproteġi lill-vittmi kkonċernati minn kull forma ta' ħsara u abbuż;

d. Dan jibqa' validu għal perjodu li ma jaqbiżx il-ħames (5) snin imma jista' jiġi revokat jew estiż għal iżjed żmien mill-Qorti;

e. Fis-sentenza tagħha, apparti l-piena, il-Qorti tista' torbot lill-awtur tar-reat b' Ordni Restrittiva;

f. OR jibqa' validu għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet (3) snin jew kif ikun speċifikat mill-Qorti. Din tista' tordna biex dan il-perjodu jibda jattwa minn meta tintemm jew tinħafer il-piena;

g. Kull ksur ta' liġi f'każijiet ta' OPT, OP u OR għandu jiġi rrapportat mill-vittma, bl-istess mod kif tirrapporta vjolenza domestika, lill-GBDVU fi ħdan il-Korp tal-Pulizija immedjatament. Dawn ir-rapporti jiġu ttrattati kif jaqbel skont iċ-ċirkustanza u l-vittma trid tkun infurmata fil-ħin dwar kull azzjoni li se tittieħed mill-pulizija;

h. Skont dak li joħroġ mill-investigazzjonijiet, l-allegat awtur tar-reat jiġi arrestat u mtella' l-Qorti.

## U jekk ibni/binti huwa/hija wkoll vittma ta' vjolenza domestika?

Is-Servizzi għall-Protezzjoni tat-Tfal jiġu infurmati mill-ewwel sabiex jassistu lill-Pulizija waqt l-intervista mat-tifel/tifla li ssir f'ambjent trankwill.

# U jekk jien ta' nazzjonalità barranija?

Il-persuni ta' nazzjonalità barranija f'Malta li huma vittmi ta' vjolenza domestika, kemm dawk li qed ifittxu kenn politiku, kemm dawk li qed jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali kif ukoll dawk ċittadini tal-Unjoni Ewropea jew tat-Tielet Dinja, jingħataw l-għajnuna bħal kulħadd u huma meqjusa prinċipalment bħala vittmi, irrispettivament mill-permess ta' residenza, nazzjonalità u/jew etniċità.

Nifhmu li f'dawn il-każijiet, l-awturi tar-reat jistgħu jieħdu vantaġġ mis-sitwazzjoni minħabba ċirkustanzi bħal:

- Problemi ta' lingwa;
- Kull forma ta' dipendenza;
- Nuqqas ta' għarfien dwar drittijiet u servizzi offruti f'Malta;
- Iżolament;
- Biża' ta' riperkussjonijiet meta jirrapportaw lill-awtoritajiet.

Waqt ir-risk assessment u waqt li qed isir ir-rapport, tista' tiġi akkumpanjat minn medjatur kulturali/interpretu tal-fiduċja tiegħek.

# Nista' nwaqqa' r-rapport li nkun għamilt għand il-pulizija?

Le. Hekk kif il-pulizija jiġu infurmati b'każ ta' vjolenza domestika, huma obbligati li jinvestigaw u titressaq akkuża ex-officio. Barra minn hekk, inti tkun mistenni li tixhed fil-Qorti.

## U jekk m'għandi mkien fejn noqgħod?

L-Aġenzija Appoġġ tkun infurmata sabiex tagħmel l-arranġamenti meħtieġa u toffri residenza alternattiva. Uffiċjali tal-pulizija jakkumpanjawk lejn din ir-residenza l-ġdida u jibqgħu miegħek anke waqt li qed iġġorr l-affarijiet personali tiegħek fiha. Kull informazzjoni dwar fejn tkun tinsab din l-akkomodazzjoni temporanja tibqa' waħda kunfidenzjali.

## Se nkun infurmat/a dwar ir-riżultat tal-każ tiegħi?

Skont il-liġi tal-Vittmi ta' Krimini (Kapitlu 539 tal-Liġi ta' Malta), il-Pulizija se żżommok infurmat/a b'kull progress li jkun qed isir waqt l-investigazzjoni, jekk seħħewx xi arresti jew jekk xi suspettat ġiex akkużat u/jew ittella' l-qorti.

Se tiġi infurmat/a wkoll f'każ li l-investigazzjoni se tieqaf peress li jirriżulta li m'hemm l-ebda suspettat jew li hemm nuqqas ta' evidenza. Se tkun infurmat/a wkoll ġaladarba l-awtur tar-reat jinstab ħati jew jiddikjara li hu ħati.

## X'inhu mistenni minni waqt il-proċeduri fil-Qorti?

Bħala parte civile l-vittmi kollha ta' vjolenza domestika għandhom id-dritt li jsegwu l-proċeduri fil-qorti mill-bidu sal-aħħar.
Apparti minn hekk, l-istatus ta'  parte civile jippermetti li avukat jirrappreżenta lill-vittma ta' vjolenza domestika waqt il-proċess kollu.

# Fejn nista' nsib aktar għajnuna?

F'sitwazzjonijiet fejn jista' jkun perikoluż jew skomdu li tagħmel voice call, tista' tuża s-Silent Reporting Number 79770112 għal assistenza immedjata.

# Kif nuża s-Silent Reporting Number?

1. Ibgħat messaġġ: Ikteb messaġġ bil-post fej qiegħed/qiegħda u informazzjoni li jidhirlek li hi importanti u ibagħtu fuq 79770112

   Eżempju: "AJJUT - numru tad-dar, isem tat-triq, lokalità"

2. Ibqa' kalm/a: L-għajnuna se tintbagħat fil-lokalità tiegħek.

Pariri Siewja

- Ħassar il-Messaġġi: Meta tibgħat messaġġi lil jew tirċievi messaġġi mingħand is-Silent Reporting Number, ħassarhom għas-sigurtà tiegħek, speċjalment jekk ikollok xi suspett li l-mobile tiegħek qed jiġi ċċekkjat.

- Ippjana minn Qabel: Jekk taħseb li se tiġi bżonn dan in-numru fil-futur, issejvjah fuq isem falz fil-contacts tiegħek tal-mobile. B'hekk tevita kull suspett.

- Oqgħod Attent/a: Sakemm tasal l-għajnuna, ibqa' kalm/a u oqgħod b'seba' għajnejn. Jekk issib xi post sigur fejn tistaħba jew saħansitra toħroġ mill-post, itlaq minnufih.

# Fejn nista' nsib aktar għajnuna?

Hawn taħt għandek issib lista ta' entitajiet u organizzazzjonijiet li joffru s-servizzi u l-għajnuna tagħhom:

**Police Gender-Based & Domestic Violence Unit**
**T** 2294 2717/2777
**E** gbdv.police@gov.mt

**Police Crime Stop Number**
**T** 119

**Police Emergency Number**
**T** 112

**Aġenzija Appoġġ**
**T** 22959000
**E** appogg@gov.mt

**Aġenzija Żgħażagħ**
**T** 22586700
**E** agenzija.zghazagh@gov.mt

**Child Protection Services (Fsws)**
**T** 22588900
**W** https://fsws.gov.mt/mt/pages/ReportAbuse

**Dar Emmaus**
**T** 21552390

**Dar Merħba Bik**
**T** 21440035

**Dar Santa Bakhita**
**T** 27444676

**Fondazzjoni Dar Il-Hena**
**T** 27888211

**Kellimni**
**W** www.kellimni.com

**Legal Aid Malta Agency**
**T** 22471500
**E** info.legalaidmalta@gov.mt

**Mental Health Services (Psychology)**
**T** 23304313
**E** health@gov.mt

**Migrants Commision**
**T** 21222644
**E** info@migrants.mt
**W** https://migrants.mt/refer

**National Support Line**
**T** 179

**National School Support Services Agency**
**T** 25983497 / 25689700
**E** nationalschoolsupportservices.mfed@gov.mt

**National Victim Support Line For Victims Of Crime-Malta**
**T** 116006 / 21228333
**E** info@victimsupport.org.mt

**Rainbow Support Service (Lgbtiq)**
**T** 79430006
**E** support@maltagayrights.org

**Soar Support Group (Sjaf)**
**T** 21808981
**E** info@antidemalta.org

**Social Work Unit Gozo**
**T** 22156630
**E** socialworkunit.mgoz@gov.mt

**Victim Support Agency**
**T** 116006
**E** victimsupport.police@gov.mt

**Victim Support Malta**
**T** 21228333
**E** info@victimsupport.org.mt

**Women's Rights Foundation**
**T** 80062149
**E** info@wrf.org.mt

**YMCA**
**T** 27674278
**E** info@ymcamalta.org

PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS